MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1073/2006

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li gew nominati b'digriet tad-19 ta' Lulju 2006 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Ahmed Hamdan

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors tal-P.L. Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fl-iskritturi privati datati 15 ta' Lulju 2003 u 3 ta' Frar 2004, (Dok. A u B), is-socjeta` rikorrenti kkoncediet facilitajiet bankarji lill-intimat Ahmed Hamdan.

2. Illi s-socjeta` rikorrenti tinsab kreditrici tal-intimat Ahmed Hamdan fis-somma ta' sebat elef, sitt mija u sitta u

ghoxrin Liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm7,626.10) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Ahmed Hamdan mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C” u “D”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mid-9 ta’ Novembru 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

3. Illi kienu sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u esebiti mar-rikors bhala Dokument “A” u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ahmed Hamdan;

(a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess intimat Ahmed Hamdan li jipperikolaw jew jaffetwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi r-rikorrenti nomine kien jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi, permezz ta’ digriet tad-19 ta’ Lulju 2006 gew nominati Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bhala Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Ahmed Hamdan.

6. Illi l-kuraturi deputati gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 5 ta’ Jannar 2006 li kopja taghha giet esebita mar-rikors u mmarkata Dok “E”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn kienu baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u esebiti bhala Dokument “A” u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ahmed Hamdan (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f’obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c)

hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess intimat Ahmed Hamdan li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possiblita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

2. Tikkundanna lill-kuraturi deputati Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Hilda Ellul Mercer ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ sebat elef, sitt mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm7,626.10) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Accounts” ta’ Ahmed Hamdan mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C” u”D”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mid-9 ta’ Novembru 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 5 ta’ Jannar 2006 kontra l-intimat li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-kuraturi Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li biha esponew:

Illi huma ma kienux edotti mill-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors u rriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri kemm-il darba huma jigu hekk edotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Xehed il-P.L. Dr. Joseph Zammit li ghandu r-rapprezentanza legali tal-Bank of Valletta p.l.c. u dwar il-kawza kontra Ahmed Hamdan rapprezentat minn Dr. Beppe Fenech Adami qal li ma saru l-ebda pagamenti u ghalhekk mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sa

llum qatt ma sar ebda hlas u kkonferma ghalhekk li l-bilanc ghadu dovut lejn il-bank.

Rat li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza in difetto ostacolo.

Rat in-nota prezentata fit-28 ta' Marzu 2007 minn Dr. Beppe Fenech Adami li biha nforma lill-Qorti li sal-lum l-assenti
Ahmed Hamdan ma kkomunikax mieghu u ghaldaqstant huwa ghadu mhux edott mill-fatti.

**D. KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk it-talbiet tal-bank rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom billi tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u esebiti bhala Dokument "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ahmed Hamdan (a) naqas milli jhallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi, (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess intimat Ahmed Hamdan li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lill-kuraturi deputati Dr. Beppe Fenech Adami u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li b'digriet tad-19 ta' Lulju 2006 gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Ahmed Hamdan ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sebat elef, sitt mija u sitta u ghoxrin Lira Maltin u ghaxar centezmi (Lm7,626.10) bilanc ghad-debitu fil-"***Loan Accounts***" ta' Ahmed Hamdan mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C" u "D") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-9 ta' Novembru 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' Jannar 2006 kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------